31989L0362

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Mejju 1989

dwar il-kundizzjonijiet ġenerali ta' iġjene ta' impriżi tal-produzzjoni tal-ħalib

(89/362/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 85/397/KEE tal-5 ta' Awissu 1985 dwar is-saħħa u problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw kummerċ intra-komunitarju f'ħalib trattat bis-sħana [1], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 [2], u partikolarment l-Artikolu 11(4) tagħha,

Billi ħalib mhux trattat irid jiġi minn impriżi ta' produzzjoni li huma konformi mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' iġjene stipulati fil-Kapitolu VI tal-Anness A tad-Direttiva 85/397/KEE;

Billi l-Istati Membri iridu jiżguraw li l-impriżi tal-produzzjoni jgħaddu minn ispezzjonijiet perjodiċi sabiex jiżguraw li l-ħtiijiet tal-iġjene huma mwettqa;

Billi għall-għanijiet ta' l-ispezzjoni ta' impriżi ta' produzzjoni għandu jitfassal kodiċi ġenerali ta' iġjene li jispeċifika il-kundizzjonijiet ġenerali ta' iġjene li għandhom jiġu mħarsa fl-impriżi tal-produzzjoni, partikolarment il-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-fondijiet u dawk relatati ma' ħidma tal-ħlib;

Billi l-miżuri provvduti f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-produzzjoni tal-ħalib ikunu konformi mal-kodiċi ġenerali ta' iġjene stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni tista' tifformula rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw in-noti ta' spjega tal-kodiċi ġenerali tal-iġjene.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ir-rakkomandazzjonijiet riferuti fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1990. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni fil-pront.

Id-dispożizzjonijiet adottati kif jinsabu fl-ewwel paragrafu għandhom jagħmlu riferenza espressa għal din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Mejju 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 226, ta' l-24.8.1985, p. 13.
[2] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.

L-ANNESS

KODIĊI ĠENERALI TA' IĠJENE LI GĦANDHA TIĠI MĦARSA FL-IMPRIŻI TAL-PRODUZZJONI

Il-KAPITOLU I

Kundizzjonijiet ġenerali għaż-żamma tal-fondijiet

1. Il-*cowshed* fejn jgħixu l-baqar u l-fondijiet li jappartjenu għalihom iridu jkunu dejjem nodfa biżżejjed, puliti u f' kundizzjoni tajba.
2. Aċċess għall-*cowshed* u l-fondijiet li jappartjenu għalihom iridu jinżammu ħielsa minn akkumulazzjoni ta' demel jew materjal li jinten.
3. Demel irid jiġi kklerjat mill-kanali tad-demel regolarment kemm ikun hemm bżonn.
4. Il-postijiet fejn jintrabtu jridu jinżammu nexfin, jekk ikun neċessarju bl-użu ta' friex.
5. Il-post fejn jinħalbu, l-kamra tal-ħalib, l-kmamar tat-tindif u tal-ħażna u t-tagħmir li jinsab f'dawn il-postijiet iridu f'kull ħin jinżammu nodfa, puliti u f' kundizzjoni tajba.
6. Id-disinfettar tal-*cowshed* u l-fondijiet li jappartjenu għalihom irid isir b'mod li ma jiġix irriskjat taħlit ta' disinfettant mall-ħalib jew tħassir tal-ħalib.
7. Ħnieżer u tjur m'għandhomx joqogħdu fil-*cowshed* jew fondijiet fejn il-baqar huma maħluba.
8. Dubbien, grieden u dud ieħor irid jiġi kkontrollat.
9. Kimiċi, drogi u affarijiet simili iridu jinżammu f' post sgur.
10. Għalf li jista' jkollu effett ħażin fuq il-ħalib m'għandux jinħażen fil-*cowshed*.

Il-KAPITOLU II

Kundizzjonijiet ġenerali għaż-żamma tat-tagħmir u l-affarjiet li jintużaw għat-ħlib u l-maniġġ bl-idejn tal-ħalib

1. It-tagħmir u l-affarijiet użati għat-ħlib u l-komponenti kollha tagħhom iridu jkunu nodfa biżżejjed f'kull waqt u miżmuma f' kundizzjoni fiżika tajba.
2. Wara t-tindif u d-disinfettar, it-tagħmir u l-affarijiet użati għat ħlib, trattament, ħażna u trasport ta' ħalib iridu jkunu mlaħalħa b' ilma tajjeb għax-xorb. L-affarijiet użati u l-ixkupilji iridu jiġu maħżuna iġenikament.
3. Tankijiet tal-massa iridu, meta jkunu svojtati wara li jitnaddfu u jiġu disinfettati, jitħallew bl-għatu miftuh sakemm jintużaw.

Il-KAPITOLU III

Kundizzjonijiet ġenerali ta' iġjene li jirrelataw għal operati tat-ħalib

1. Il-baqar individwali fil-merħla jridu jkunu identifikabbli mill-awtorità kompetenti. Iridu jkunu nodfa u miżmuma tajjeb.
2. Kull xogħol li jista' jkollu effett ħażin fuq il-ħalib m'għandux jitħalla jsir immedjatament qabel u waqt il-ħlib.
3. Qabel ma jinbeda l-ħlib ta' baqra l-irjus tal-bżieżel, il-beżżul u jekk ikun neċessarju partijiet aġġjaċenti ta' bejn il-koxxa u taħt ż-żaqq, il-koxxa u ż-żaqq tal-baqra iridu jkunu nodfa.
4. Qabel il-ħlib ta' baqra individwali dak illi jaħleb irid jispezzjona d-dehra tal-ħalib. Jekk tkun notata xi anormalità fiżika, ħalib mill-baqra irid jiġi miżmum milli jitwassal.

   Baqar b' mard kliniku tal-beżżul iridu jiġu maħluba l-aħħar jew b' magna separata jew jiġu maħluba bl-idejn u l-ħalib miżmum milli jiġi mwassal.
5. *Dips* jew sprejjijiet ta' rjus tal-bżieżel ta' baqar li jreddgħu jistgħu jintużaw biss immedjatament wara l-ħlib kemm-il darba ma' jiġix awtorizzat mod ieħor mill-awtoritajiet uffiċjali. Komponenti f' *dips* u sprejjijiet ta' rjus tal-bżieżel jiridu jkunu aċċettabbli mill-awtoritajiet uffiċjali.
6. Persuni nkarigati mill-ħlib u iktar trattament tal-ħalib iridu jilbsu ħwejjeġ tat-ħlib nodfa u adattati.

7. Dawk li jaħilbu iridu jaħslu jdejhom immedjatament qabel ma l-ħlib jibda u jżommuhom nodfa sakemm huwa prattiku matul il-ħlib. Għal dan il-għan, maġenb il-post tal-ħlib, faċilitajiet adattati huma meħtieġa biex jgħinu persuni imqabbdin biex jaħdmu fil-ħlib jew trattament tal-ħalib jaħslu jdejhom u dirgħajhom.

   Qatgħat miftuħa u barxiet iridu jkunu koperti b' tidwija ta' ferita li ma jgħaddix l-ilma minnha.

8. Sakemm jinġabar il-ħalib irid jiġi maħżun fil-kamra tal-ħalib jew f' kamra fejn jinħażen il-ħalib.

9. Kmamar tal-ħalib iridu jintużaw biss għall-attivitajiet li jirrelataw għall-maniġġ bl-idejn tal-ħalib u tagħmir tal-ħlib.

10. Bramel li ġo fihom ikun hemm l-ħalib iridu jkunu mgħottija waqt li jitqegħdu fil-*cowshed* jew jinġarru barra u jiġu trasferiti fil-kmamar tal-ħalib.

11. Jekk il-ħalib jiġi filtrat, il-filtru użat irid, skond it-tip, jigi mibdul jew mnaddaf qabel mal-kapaċità tal-assorbiment tiegħu jkun użat kollu. F' kull każ, il-filtru jrid jinbidel jew jitnaddaf qabel kull ħalba. Ċraret tal-filtrazzjoni m'għandhomx jintużaw.